**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 31 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 1302/01 AE**

**Vincent Brincat**

**vs**

**Sullivan & Sullivan Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' disgha mija u tlieta u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm993.70), hlas dovut ghal xoghol ta' advertising bil-prezz globali ta' elf hames mija u erbgha u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm1,554.80).

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet:

1. Is-socjeta konvenuta qatt ma ordnat dan is-servizz u saret taf bih biss f'Gunju 2000;

2. is-servizz jidher li gie ordnat minn Peter Sullivan li ma kienx direttur tas-socjeta konvenuta u ghandu s-socjeta tieghu P & A Sullivan Ltd, li f'kaz illi l-ammont huwa dovut ghandah tkun responsabbli ghall-pagament in kwistjoni u mhux is-socjeta konvenuta.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-hlas pretiz mill-attur huwa ta' disgha mija u tlieta u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm993.70), dovut ghal xoghol ta' reklamar li sar minnu fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

2. L-attur jopera taht l-isem tad-ditta *Infocus Promotions*, u mill-atti rrizulta li fit-8 ta' Lulju 1996 u fil-15 ta' Jannar 1997 saret ordni ghal xoghol ta' reklamar (fol. 4 u 5) b'valur komplessiv ta' elf hames mija u erbgha u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm1,554.80). Il-ftehim gew ffirmati mill-attur u minn Peter Sullivan. L-ewwel ftehim jirreferi ghal reklamar ta' *skates* tad-ditta Bauer, filwaqt li t-tieni ftehim jirreferi ghal reklamar ta' vjaggi. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li s-servizz kellu jinghata lis-socjeta konvenuta.

3. Mix-xhieda moghtija minn Stanley Sullivan (direttur tas-socjeta konvenuta) irrizulta li fiz-zmien li saru l-ordnijiet, Peter Sullivan kien ghadu mpjegat mal-kumpannija konvenuta. Ikkonferma wkoll li Peter Sullivan kien awtorizzat li jordna xoghol ta' reklamar ghall-kumpannija konvenuta.

4. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2002 xehed Peter Sullivan li kkonferma li ghamel l-ordnijiet ghan-nom tas-socjeta konvenuta, u dan fiz-zmien li kien ghadu mpjegat maghha. Iddikjara wkoll li x-xoghol kien sar mill-attur u li *"meta jiena tlaqt, kien fadal bilanc li kellu jiehu Vincent Brincat. U il-hlas, kif ghidt, kellu jsir permezz ta' barter"* (fol. 35). Ghalhekk, is-socjeta konvenuta ma tistax targumenta li ma tafx li saret l-ordni in kwistjoni. L-atturipprezenta wkoll kopja tar-reklami li saru fir-rigward tat-tieni ordni (fol. 17-18), f'liema reklami

nsibu l-kliem ***"Sullivan & Sullivan 150, St. Lucia Street, Valletta.."***, li huwa l-ufficcju tas-socjeta konvenuta.

5. Fit-tieni lok, is-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi wkoll li n-negozju tal-kumpannija kien inqasam u li Peter Sullivan kien waqqaf kumpannija ohra bl-isem ta' P & A Sullivan Ltd. Mill-provi jirrizulta li l-gudizzju huwa wiehed integru u li m'hemmx lok li jissejhu terzi fil-kawza. Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **C. Mamo vs B. Abela nomine** deciza fl-4 ta' Frar 2000, *"jekk jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma' dan ma' kellu l-ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, din il-Qorti ma tarax kif tista' tregi fil-konfront tieghu……. L-istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jigi applikat, u m'ghandux ikun hemm rikors ghalih fejn il-gudizzju jkun diga' integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu ma' haddiehor"*.

6. Il-provi juru bic-cjar li l-ordni saret ghan-nom tas-socjeta konvenuta, u s-servizz inghata lilha. Tant kienet tezisti relazzjoni guridika bejn iz-zewg partijiet, li meta f'Dicembru

1996 l-attur akkwista biljetti ta' vjaggar minghand is-socjeta konvenuta l-prezz gie maqtugh mill-ammont li kien dovut lill-attur. Fil-fatt jirrizulta li l-ftehim originali kien li fis-sens li ghas-servizz tieghu, l-attur jithallas billi jiehu servizzi li toffri s-socjeta konvenuta.

7. Il-kwistjoni jekk is-socjeta konvenuta ghandhiex jew zammitx *records* tan-negozju li sar mal-attur, hija kwistjoni interna taghha u ma jfissirx b'daqshekk li l-ordni ma saritx. Bl-istess mod, il-ftehim li seta' sar sabiex inqasam in-negozju hija *res inter alios acta* ghall-attur.

8. Fl-ahharnett jinghad li huwa minnu li l-ftehim kien li l-attur jithallas billi jaghmel uzu minn servizzi li toffri s-socjeta konvenuta. Pero' mill-provi rrizulta li meta l-attur talab ghal xi biljetti ta' vjaggar huwa gie mgharraf li ma kien dovut xejn lilu (fol. 29 *et seq*). Ghalhekk ma kellux triq ohra ghajr li jintavola proceduri gudizzjarji sabiex jirkupra l-bilanc li ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta qieghed jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallsu s-somma ta' disgha mija u tlieta u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm993.70), salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li s-socjeta konvenuta jista' ghandha fil-konfront ta' terzi.

Bl-imghax jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2001, u bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**